**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**MINUTI TAT-TIENI LAQGĦA WIEĦED (02)**

**Il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju 2019 fis-6.00 pm** Data u ħin

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

Attendenza

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| Skużat: | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali tar-Rabat ma nżammitx kif skedat l-Erbgħa, 10 ta' Lulju 2019 għaliex is-Sindku kien indispost u talab li ssir din il-bidla. Hu talab li nkunu puntwali u l-kunsillieri jilbsu ilbies addattat għall-kariga ta'kunsillier.

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm u kienet ippreseduta mis-Sindku. Il-kunsillieri preżenti, Sandro Craus, Rudolph Grima, Karl Muscat, Chris Farrugia u Ian Vassallo qalu t-talba flimkien.

02.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji u konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (1)**

Qari tal-ittri ta' apoloġija u talba tal-bidu

Ma kienx hemm, pero' s-Sindku talab lill-kunsillieri biex ikun skużat is-Sur Kris Grech peress li se jiżżewweġ propju għada u kien impenjat bl-aħħar preparamenti. Is-Sindku talab biex il-KLR jawguralu formalment. Il-minuti tas-seduta numru wieħed kienu meħuda bħala moqrija u kienu mressqa minn Ian Vassallo u ssekondati minn Rudolph Grima. Dawn kienu approvati unanimament.

02.02 **Twaqqif u Ħatra tal-Kumitati tal-Kunsill.** Twaqqif ta' Kumitati

Is-Sindku qal li ltaqa' mal-kunsillieri kollha u talabhom juru x-xewqa dwar fuq xhiex xtaqu jservu. Kien hemm qbil dwar dawn l-irwoli:

Is-Sur Sandro Craus – Indafa, Ambjent, Infrastruttura u Proġetti

Is-Sur Matthew Chetcuti – Inklużjoni Soċjali, Qasam Soċjali, Għaqdiet u Ambjent

Is-Sra Doris Coleiro – Anzjani, Edukazzjoni u Radju tal-Komunita'

Is-Sur Kris Grech – Baħrija u Żgħażagħ (Ġnien tal-Baħrija)

Is-Sur Chris Farrugia – Virtu, Maniġġjar tat-Traffiku, Media Soċjali (Ġnien San Duminku)

Is-Sur Rudolf Grima – Kultura u Turiżmu

Is-Sur Ian Vassallo – Tal-Virtu', il-Komunita' tan-Negozju u Żgħażagħ

Is-Sur Nazju Cassar – Baħrija u *Outskirts*

Dr Karl Muscat – Sports, Attivitajiet Fiżiċi, Ħarsien tal-Annimali, Innovazzjoni u Fondi Ewropej.

Dwar id-dekasteri is-Sur Rudolph Grima qal li ma' kienx possibbli li l-istess dekasterju jingħata lil żewġ kunsillieri differenti, filwaqt li s-Sur Nazju Cassar xtaq l-Ambjent ingħata l-ambjent pero' rrinunzjah għax qal li miegħu ried ukoll ix-xogħol infrastrutturali.

Waqt din id-diskussjoni kien deċiż li tinħareġ default notice fuq il-kuntrattur tal-qtugħ tal-ħaxix tan-Non Urban Roads minħabba xogħlijiet insodisfaċenti f'Fomm ir-Riħ.

**Matthew Chetcuti u Doris Coleiro daħlu għal-laqgħa fis-6.10pm**

0.03 **Talba għal żieda fil-kirja tal-garage tal-Kunsill għal €400 fix-xahar** Garage tal-Kunsill

Kien deċiż illi jitbgħat *soft copy* tal-kuntratt tal-kirja tal-garage lil Dr Karl Muscat ħalli naraw jekk is-sid setgħax jaqbad u jgħolli l-kirja. Sadanittant, il-kunsillieri kienu mħeġġin jaraw jekk hemmx il-possibilita' li nsibu garage ieħor. Kien deċiż li dan jerġa' jitla fuq l-Agenda.

02.04 **Terminazzjoni tal-kuntratt għall-*Upkeep and Maintenance of Soft Areas, Parks and Gardens using Environmentally Friendly Measures RLC/T/0158/17.*** Kuntratt tas-*Soft Areas*

Kien deċiż illi jintbgħat soft copy tal-kuntratt tas-*Soft Areas* lil Dr Karl Muscat ħalli naraw jekk il-kuntrattur setgħax jabbanduna l-kuntratt. Se joħroġ il-kuntratt tas-*soft areas* b'mod iminenti.

**Nazju Cassar daħal għal-laqgħa fis-6.15pm**

02.05 **Kunsiderazzjoni ta' RLC/T/0174/18 – Rapport ta' Evalwazzjoni datat 5.4.2019 dwar *Service Tender for the Collection of Household Waste from the locality of Rabat using low emmission vehicles.*** Tender tal-Ġbir tal-iskart

Kien deċiż li jintbgħat *soft copy* tal-kuntratt tal-ġbir tal-iskart bieb bieb lil Dr Karl Muscat. Il-kunsillieri se jaraw jekk għandhomx jinbidlux xi klawsoli minnu ħalli terġa toħroġ mill-ġdid l-offerta pubblika b'żieda ta' penali għal nuqqasijiet li qed ikollna fejn qed jitħallew diversi toroq mimlija skart. Kien deċiż illi l-*Contract Manager* għandu jdur wara l-vettura/i tal-kuntrattur sabiex jara b'għajnejh jekk hux qed jitħallew il-boroż tal-iskart fit-triq mill-kuntrattur jew jekk ir-residenti humiex qed joħorġuhom tard. Is-Sindku qal illi rridu naraw jekk hux possibbli li l-ħinijiet tal-iskart jinbidlu biex dan iseħħ per eżempju bejn is-7.30pm u Nofs il-lejl. Hemm diffikulta' bil-ħinijiet tal-faċilitajiet ta' Wasteserv Malta Ltd li jilqgħu l-iskart. Is-Sur Nazju Cassar ippropona li tibda' titnaqqaslu p eż €60 għal kull nuqqas li jirriżulta fil-kuntratt eżistenti filwaqt li s-Sindku qal li se ssir laqgħa mal-kuntrattur biex nindirizzaw dawn il-problemi. Dr Karl Muscat żied jgħid illi l-kuntrattur għandu jkun eżentat fejn jirriżulta li xi ħadd ħareġ l-iskart wara li jkun għadda l-iscammel.

02.06 **Skema Finanzjarja – Żvilupp ta' Libreriji Lokali/Reġjonali f'Ċentri tal-Komunita'** Skema Finanzjarja Libreriji f'Ċentri tal-Komunita' SPI10/2019

Kien deċiż illi l-KLR japplika għal din l-iskema nazzjonali sabiex il-librerija tar-Rabat tkun mgħammra b'kotba b'tipa kbira, b'kotba b'lingwi differenti, biex isiru esebizzjonijiet ta' kotba t'awturi Rabtin u dwar l-istorja tar-Rabat. Is-Sindku ta din ir-responsabbilita' lis-Sna Doris Coleiro.

02.07 **Skema ta' Finanzjament għall-Gvern Lokali għall-Kura tal-Annimali fil-Komunita' (C Care Project)** Skema Finanzjarja L C Care Project SPI9/2019

Il-KLR diġa' applika għal din l-iskema minħabba li d-deadline kienet qabel il-laqgħa tal-Kunsill u kienu se jintilfu l-fondi. Kopja tal-applikazzjoni mimlija kienet ipprovduta mal-agenda. Is-Sindku ta din ir-responsabbilita' lil Dr Karl Muscat u lis-Sur Matthew Chetcuti.

02.08 **Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Apparat għal Sistemi ta' Irrigazzjoni. SPI/07/2019** Skema Finanzjarja Apparat ta' Irrigazzjoni SPI7/2019

Il-KLR diġa' applika minħabba li d-deadline kienet qrib biex is-soft area bejn Triq Santa Rita u Triq ir-Rebħa tibda' tkun imsaqqija b'sistema ta' irrigazzjoni awtomatika. Dwar dan kien hemm qbil unanimu filwaqt li intqal li f'dan is-sit hemm problema ta' aċċessibilita' minħabba d-diżlivelli tat-toroq. Din l-iskema qed jieħu ħsieba s-Sindku.

02.09 **Kunsiderazzjoni ta' żewġ talbiet għal refużjoni ta' ħsarat kawżati minn inċident b'vetturi privati 11.4.2019 u 7.5.2019.** Refużjoni fuq ħsarat

Il-KLR iddeċieda li jagħti refużjoni lil żewġ persuni li kellhom inċidenti bi ħsarat fuq il-vetturi minħabba nuqqas ta' manutenzjoni fit-toroq f'tal-Virtu u taħt tal-Plieri. It-toroq konċernati kien sarilhom manutenzjoni fuqhom.

02.10 **Kunsiderazzjoni ta' *Environmental Planning Statement – Demolition of existing licensed explosives factroy & redevelopment into Eco-spa & Resort Class 3A. Development includes excavation of site for accomodation of facilities at Pulvich Explosives Factory off Triq il-Qaws, Dingli / Rabat.*** — Environmental Planning Statement – Żvilupp fil-Qaws

L-ewwel li se jkun verifikat jekk din hix mar-Rabat jew inkella ma' Ħad-Dingli. Se naraw ukoll x'inhuma l-veduti tal-Kunsill Lokali ta' Ħad-Dingli dwar din il-proposta.

02.11 **Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' Tagħlim tul il-Ħajja (Lifelong Learning) SPI/SCI/11/2019** — Skema Finanzjarja Tagħlim Tul il-Ħajja SPI11/2019

Il-KLR iddeċieda li jieħu sehem f'din l-iskema finanzjarja billi nipproġettaw li nieħdu refużjoni fuq *interactive white board* biex ikun jista' jintuża minn studenti tal-Malti Bażiku li għas-sena 2019-2020 se jkunu wkoll qed jitgħallmu fil-Muniċipju. Din l-iskema qed jieħu ħsieba s-Segretarju Eżekuttiv.

02.12 **Applikazzjoni għall-Amministrazzjoni ta' Propjeta' Pubblika (Imħażen, Klassijiet, Bini Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat.** — Devoluzzjoni – eks ħwienet fl-appartamenti t'Għajn Qajjet

Il-KLR b'vot unanimu qabel illi japplika għad-devoluzzjoni tas-sit tal-eks ħwienet li hemm fl-appartamenti t'Għajn Qajjet. Is-Sindku qal illi dawn kienu ħarġu mil-*Lands Authority* bl-offerta. Intant, jekk 'il quddiem il-binja taqa' taħt l-amministrazzjoni tal-KLR, hija l-ambizzjoni tagħna li nikkonkludu proġett billi nżidu l-klassijiet ħalli jintużaw għal skop tal-kultura, *Day Centre* u Radju tal-Komunita'.

02.13 **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti 293 u *Works Order* 12** — Skeda tal-Pagamenti

Ma kienux approvati

02.14 **Bdil ta' *Project Leader* – Miżura 4.3 Asfaltar ta' Toroq Rurali** — Bidla tal-Project Leader

Peress li l-Project Leader tal-Miżura 4.3 kien l-eks Sindku, Charles Azzopardi, kien hemm qbil unanimu li għal dan jinkariga ruħu is-Segretarju Eżekuttiv.

02.15 **Bidla ta' sid – Van tal-Kunsill** — Bidla fil-log book tal-van tal-KLR

Kien hemm qbil unanimu illi l-*log book* tal-van tal-KLR jinqaleb fuq is-Segretarju Eżekuttiv għaliex dan kien fuq l-eks Sindku, Charles Azzopardi. Se naraw jekk nistgħux nikru/nixtru electric car għall-użu tal-Kunsill u kienu proposti *electric charging point*s fuq is-Saqqajja fejn ir-*Reserved Parking* tal-Kunsill u oħra fiz-zona ta' San Duminku, oħra l-Baħrija u fi Vjal il-Ħaddiem.

02.16 **Jum ir-Rabat 2019** — Jum ir-Rabat 2019

Is-Sindku ippropona illi Jum ir-Rabat 2019 jinżamm fiċ-Ċentru tal-

Konservazzjoni tal-Ilma, *Għajn,* fin-Nigret. Hu qal li diġa' kellu laqgħa mas-CEO u talab lil Doris Coleiro u Rudolph Grima biex imorru jaraw is-sala. Sadanittant Chris Farrugia kellu xi rakkomandazzjonijiet għal Ġieħ ir-Rabat u xi rikonoxximenti oħra.

**PUNTI OĦRA**

(i) **Żamma ta' soft areas minn imprendituri** — Sponsors ta' Soft Areas

Rudolph Grima ppropona illi jkun hemm il-faċilita' li ċertu soft areas jinżammu billi jkunu sponsorjati minn imprendituri. Dwar dan is-suġġeriment trid issir diskussjoni aktar fit-tul peress li trid toħroġ tip ta' Expression of Interest u mhux min hu l-ewwel jilħaq l-aħjar.

(ii) **Latrina Pubblika** — Mistoqsija

Is-SE kien mitlub jgħid kemm swiet il-manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita. Ir-risposta se tingħata f'laqgħa oħra.

(iii) **Boutique hotel tas-Saqqajja** — Proposta ta' skedar ta' propjetajiet

Kien deċiż illi naraw jekk is-sidien tal-propjetajiet fi Vjal Santu Wistin u s-Saqqajja jaqblux li jkunu skedati dawn il-propjetajiet.

(iv) **Kuntratt tal-Knis** — Kuntratt tal-Knis

Kien deċiż illi tintalab il-payslip tal-kenniesa li qiegħdin iservu fuq ir-Rabat biex nindirizzaw il-problema tax-xogħol prekarju.

(v) **Verdala Hotel** — Verdala Hotel

Is-Sindku ippropona li ssir laqgħa mas-Sur Anglu Xuereb dwar l-iżvilupp propost fuq il-lukanda Verdala.

(vi) **Roundabout ta' San Ġużepp** — Roundabout ta' San Ġużepp

Se niktbu lill-Korporazzjoni Enemalta biex tirranġa fejn qalgħet minħabba underground cable fault propju taħt ir-roundabout ta' San Ġużepp.

(vi) **Propost infurzar fuq il-bye-law tal-ħamiem** — Infurzar fuq il-bye-law 363.171

Dr Karl Muscat qal illi hemm bżonn li din tkun infurzata u cioe' jingħalqu t-twieqi u daħliet ta' bosta propjetajiet li hawn ir-Rabat biex il-ħamiem ma jbejjitx fihom.

(vii) **Proposta ta' Fiera tal-Kotba bi prezz imraħħas**

Fiera tal-Kotba.

Dr Karl Muscat ippropona illi jintuża il-Wignacourt Museum sabiex fih tkun organizzata fiera tal-kotba fejn ir-Rabtin ikunu jistgħu irawwmu aktar fihom il-passatemp tal-qari. Il-kotba se jkunu bi prezz imraħħas.

(viii) **Il-proġett ta' Wied il-Qlejgħa**

Tindif ta' Wied il-Qlejgħa

Is-Sindku qal illi l-KLR irid ikun parteċipi f'dan il-proġett tal-Gvern Ċentrali għaliex dan hu sit fejn hemm lok li ssir *Trail* għal skopijiet turistiċi. Hu żied jgħid illi rridu nkunu parti mill-Management Team għaliex se jsir it-tindif mill-Fiddien sal-mina tal-Imtarfa.

(ix) **Fondi ta' Miżura 4.3**

Laqgħa mac-CEO ta' Infrastructure Malta

Is-Sindku qal illi għandha tintalab laqgħa mac-Chief Executive Officer ta' Infrastructure Malta biex ikun diskuss it-tibdil li hu meħtieġ li jsir. Chris Farrugia qal li dawn għandhom jinvolvu aktar lil KLR fl-immaniġjar tat-traffiku waqt li għaddej il-proġett ta' Triq Ġorg Borg Olivier.

(x) **Manutenzjoni fi Triq Konti Ruġġieru**

Bdil ta' kurdina fi Triq il-Konti Ruġġieru

Is-Sur Nazju Cassar qal illi hemm bżonn li jinbidlu xi għaxar kurduniet mill-kuntrattur Elle's Urban Services fi Triq il-Konti Ruġġieru. Dan ix-xogħol kien approvat**.**

(xi) **Bus Stops kontra xulxin fi Vjal il-Ħaddiem**

Bus stops fi Vjal il-Ħaddiem

Issemmew żewġ bus stops li qiegħdin kontra xulxin fi Vjal il-Ħaddiem. Intqal illi wieħed minnhom irid jiċċaqlaq għaliex meta jieqfu tal-linja qed jagħlqu għal kollox it-triq.

(xii) **Seminar tal-LESA – Fondi għal skopijiet kulturali**

Seminar dwar fondi tal-LESA

Il-Viċi Sindku u s-SE marru għal dan is-seminar u kien propost illi napplikaw biex per eżempju ikun ippubblikat ktieb dwar il-laqmijiet Rabtin minn pe eż il-Prof Mangion.

(xiii) **GO-TO**

Tneħħija ta' parkeġġ tal-Go-to

Fuq suġġeriment ta' Chris Farrugia, deċiż illi l-KLR jitlob li titneħħa parkeġġ riżervat tal-Go-To fi Pjazza San Duminku.

02.17 **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**

Tmiem il-laqgħa u data ta' laqgħa oħra

Il-laqgħa ntemmet fit-8.35 u l-Kunsill se jiltaqa' fis-7 t'Awwissu fis-6.00pm.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 3.7.19 minn Alexander k/a Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku